**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 31 ta` Mejju 2016**

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Angelo Gafa')**
**(Spettur Jonathan Ferris)**

**Vs**

**JOSEF BRIFFA**

Kump Nru 579/2009

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat **Josef Briffa detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 418686(M)** gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fl-24 ta' Mejju 2009, ta jew ftiehem li jaghti jew offra jew ippropona lil xi persuna ohra, direttament jew indirettament, li dik il-persuna l-ohra ghandha taghti jew toffri, xi rigal jew kumpens lil Melvin Agius, *player* ta' Santa Lucia Football Club, biex ihajru jaghmel jew bi tpattija talli jaghmel jew jonqos milli jaghmel, jew talli, wara li jkun beda jsehh l-Att dwar il-Prevenzjoni ta' Xiri ta' *Players*, ikun ghamel jew naqas milli jaghmel xi haga li, jekk issir jew jonqos milli ssir, tkun bi ksur tas-subartikolu (1) jew (2) tal-istess Att.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti;

Rat ir-*rinvio a giudizio* tal-Avukat Generali tat-12 ta` Novembru 2009 (ara *folio* 89) u l-kunsens ta` l-imputat sabiex din il-kawza tigi deciza bil-procedura sommarja (ara *folio* 100);

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda kollha mressqa f'dawn il-proceduri;

Semghet is-sottomissjonijiet finali;

**Ikkunsidrat**;

Illi l-fatti tal-kaz jistghu jigu riassunti kif gej.

1. Nhar l-24 ta` Mejju 2009, gewwa s-Centenery Stadium, waqt loghoba football - *decider* biex min jirbah jigi promos lejn it-tieni divizjoni tal-MFA – bejn it-timijiet taz-Zurrieq u Santa Lucija, saru xi allegazzjonijiet ta` korruzzjoni;
2. Fost dawn l-allegazzjonijiet kien hemm wahda illi l-imputat Josef Briffa, bhala player taz-Zurrieq, offra xi flus lil tnejn mill-payers ta` Santa Lucija, Brian Chetcuti u Melvin Agius, bl-intiza li dawn it-tnejn jarmu l-loghoba u r-rizultat jigi favur it-tim taz-Zurrieq;
3. Wara li saru r-rapporti relattivi u l-investigazzjonijiet necessarji, l-imputat tressaq sabiex jirrispondi ghall-imputazzjoni moghtija fil-konfront tieghu;

**Ikkunsidrat**;

Gie stabbilit, minghajr ebda dubbju u a sodisfazzjon tal-ligi, illi waqt il-loghoba in kwistjoni, l-imputat kien qed jilghab bil-flokk numru 11 – ara *a folio* 52, ir-rapport tar-referee Gordon Barbara, kif ukoll id-depozizzjoni ta` l-imputat stess *a folio* 124, u l-istqarrija tieghu *a folio* 24. Ma hemmx dubbju dwar l-identita` ta` l-imputat bhala l-persuna indikata li ghamel dak allegat mill-prosekuzzjoni waqt il-partita in kwistjoni.

**Il-prova diretta**

Ix-xhud principali tal-prosekuzzjoni, Melvin Agius, jiddikjara kategorikament fix-xhieda tieghu *a folios* 29 u 31, senjatament is-segwenti :

*“…… u gejt avvicinat insomma min-numru 11, qalli ghandek 1000 Euro jekk tinxtara u thallina nirbhu”*

**Il-provi indiretti – provi cirkostanzjali**

Melvin Agius, il-player li allegatament gie offrut il-flus, kien qed jilghab bhala ***left full back*** fil-loghoba in kwistjoni. Kien allura wiehed mid-difensuri (ara *folio* 29). Allegatament, l-imputat sefsiflu dan il-kliem f’widnejh, lil Melvin Agius, waqt li l-istess Melvin Agius kien qed jiddefendi *corner* jew *freekick* minn hdejn il-*corner* (ara *folio* 33).

Brian Chetcuti, player iehor tat-team ta` Santa Lucia, li dakinhar kien qed jilghab bhala *right back* (ara *folio* 57), jiddikjara illi waqt li kienu qed jiddefendu corner, l-imputat, li kien qed jilbes il-flokk numru 11, qallu l-kliem “…..***elf wara l-loghoba*** …..”. *A folio* 58, ix-xhud Brian Chetcuti jghid li fehem li dik l-offerta saret “***Biex nilghab hazin kontra t-tim tieghi hux***”.

Franco Scicluna, *reserve goalkeeper* waqt il-loghoba in kwistjoni, ezattament bejn il-loghoba u l-extra-time, semgha lill-imputat jghid lil persuna ohra, il-kliem “***dawn ma jridux jafu***.” (ara *folios* 75 u 76).

Josef Briffa, l-imputat, fid-depozizzjoni tieghu – ara *folios* 124 u 125 – jiddikjara b’mod car illi lil Brian Chetcuti u Melvin Agius, ma kienx jafhom qabel, li qatt ma kellu xi jghid maghhom, u li ma kien hemm ebda raguni ghalfejn jigdbu fuqu.

**Ic-cahda kategorika**

L-imputat (kemm fl-istqarrija kif ukoll fid-depozizzjoni tieghu) jichda kategorikament li qatt ghamel dak allegat fil-konfront tieghu.

**Ikkunsidrat**;

Illi din il-Qorti qieset ir-rizultanzi processwali fid-dettal. Tirrileva illi mhux kull kunflitt fil-provi necessarjament igib il-liberazzjoni tal-persuna imputata.

U fuq indikazzjoni tad-difiza, qieset ukoll fid-dettal iz-zewg sentenzi segwenti :

1. Deciza 08.07.2010 (Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali - Magistrat Anthony Vella. Kump nru 580/2009 – Il-Pulizija kontra Jeffrey Camilleri); u
2. Deciza 04.05.2011 (Qorti ta` l-Appell Kriminali, Appell nru 348/2010 DS – il-Pulizija kontra Jeffrey Camilleri).

Din il-Qorti taghmilha cara illi kull kaz ghandu l-fatti specie tieghu, u kif inhu l-obbligu taghha, l-Qorti trid tiddeciedi fuq il-provi li jingiebu quddiemha u li jkunu jifformaw parti mill-atti processwali ta` quddiemha. Il-fatt li l-mertu tal-kawza kontra l-imsemmi Jeffrey Camilleri hu naxxenti mill-istess loghoba football, u l-fatt li huwa gie liberat mill-akkuza ta` korruzzjoni migjuba kontra tieghu – mill-Qorti ta` Prim Istanza, kif ikkonfermata mill-Qorti ta` l-Appell Kriminali – ma ghandu jincidi xejn u bl-ebda mod fuq din il-kawza prezenti kontra l-imputat Josef Briffa. Biss biss, il-provi ma jistghux jitqiesu li huma l-istess.

Din il-Qorti hija fl-obbligu li taghmel l-analizi skond il-ligi tal-provi kollha migjuba kontra l-imputat f'dan il-process odjern. U minn din l-analizi, jirrizulta ghal din il-Qorti illi, l-provi indiretti, il-provi cirkostanzjali identifikati, huma univoci u konkordanti – u mehuda flimkien, jorbtu bhal holqa ma ohra flimkien mal-prova diretta indentifikata aktar il-fuq. – biex flimkien jaghmlu prova shiha u cara illi dakinhar tal-24 ta` Mejju 2009, waqt il-loghoba football bejn Santa Lucia u Zurrieq, l-imputat Josef Briffa offra jew ippropona direttament lil Melvin Agius, is-somma ta` elf euro, biex l-istess Melvin Agius jithajjar jinxtara u jippregudika l-loghoba kontra l-interessi tat-tim tieghu stess.

**Ikkunsidrat**;

Dwar piena jew sanzjoni, din il-Qorti trid izzomm quddiem ghajnejha illi l-korruzzjoni hija marda socjali tal-biza. Il-legislatur ried u jrid jiggieled il-prattika tal-korruzzjoni (u ta` kull reat iehor li jsir bis-sahha ta` l-istess atti). **<u>Dana ghaliex il-prattika tal-korruzzjoni, minn player tal-football</u>** (bhal ma hu f'dan il-kaz) **<u>timmina u tkisser dik il-fiducja li l-pubbliku in generali, u b'mod partikolari t-tfal u z-zaghzagh, ghandu jkollhom fid-dinja sportiva, f'dan il-kaz fil-loghoba tal-football</u>** (enfasi tal-Qorti). **Bir-rispett lejn il-fehemiet diversi, din hija konsiderazzjoni pezanti**

**hafna, hija l-konsiderazzjoni principali f'dan il-kaz, u hekk ghandha tkun f'kull kaz ta` korruzzjoni.**.

**Din il-Qorti zzid li l-awtoritajiet kollha koncernati huma lkoll fid-dmir li jiggieldu l-korruzzjoni f'kull forma u f'kull livell taghha. Hekk biss tista s-socjeta` tigi mharsa minn dan il-fenomenu li, flimkien ma illegalitajiet ohra, qed jaghmel hafna hsara lit-tessut socjali, u specjalment lit-tfal u z-zaghzagh, li lkoll iridu jitghallmu minn min huwa akbar minnhom fil-hajja sportiva**.

Din il-Qorti tiddikjara li r-reat kommess mill-imputat huwa ta` natura serja. Il-Qorti hi fl-obbligu li taghmel gustizzja, u trid tibghat messagg car li min jinvolvi ruhu fi prattici ta` korruzzjoni, u fil-kaz odjern, prattici ta` korruzzjoni fl-isport, ghandu jifhem li zbalja serjament u jimmerita li jinghata piena li tkun tirrifletti dak kollu li jkun ghamel.

**DECIDE**

**Ghall-motivi premessi l-Qorti, wara li rat l-Artikoli 3(3) u 9(1)(a) tal-Kapitolu 263 tal-Ligijiet ta` Malta, issib u tiddikjara lil JOSEF BRIFFA hati ta` l-imputazzjoni kif dedotta kontra tieghu u tikkundannah ghall-piena ta` prigunerija ta` sitt (6) xhur izda, bis-sahha tal-Artikolu 28A tal-Kap 9, tordna li s-sentenza ma tidholx fis-sehh hlief jekk, matul il-perjodu ta` erba (4) snin mill-lum, il-hati jikkommetti reat iehor li ghalieh hemm piena ta` prigunerija, kif ukoll ghall-multa ta` elfejn euro (€2000).**

Skond l-Artikolu 28A(4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lil Josef Briffa, fi kliem car u li jinftiehem, ir-responsabbiltajiet tieghu taht l-Artikolu 28B jekk huwa jikkommetti, matul il-perjodu operattiv, reat li ghalih hemm piena ta` prigunerija.

Dr Ian Farrugia LLD

Magistrat

Marica Mifsud

Deputat Registratur